VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,449, 7 ta' Lulju, 2015
Taqsima B

A.L. 210 tal-2015

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet imħallsin f'Ċentri tal-Bejgħ tal-Prodotti tal-Biedja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Iżvillup Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, u bil-parir tal-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet imħallsin f'Ċentri tal-Bejgħ tal-Prodotti tal-Biedja, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Drittijiet imħallsin f'Ċentri tal-Bejgħ tal-Prodotti tal-Biedja, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 35.13

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li l-Ministru responsabbli għal ċentri tal-bejgħ jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) minn xerrejja, dritt ta' sitt ċenteżmi (0.06) għal kull sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99) bejgħ li jidhru fuq kull kont ta' bejgħ;";

(ii) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) mill-bdiewa, dritt ta' sitt ċenteżmi (0.06) għal kull sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99) bejgħ li jidhru fuq kull kont tal-bdiewa."; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) (a) Fil-każijiet kollha msemmijin fis-subregolament (1)(a) u (ċ), l-inqas dritt għandu jkun ta' sitt ċenteżmi (0.06).

(b) Fil-każijiet kollha msemmijin fis-subregolament (1)(b), l-inqas dritt għandu jkun ta' żewġ ċenteżmi (0.02).".